MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2006

Talba Numru. 88/2006

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.
GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 8 ta' Gunju 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 88/06ISB**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**

**Vs**

**Christian Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Frar 2006, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u erbgha u sittin Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm164.38), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-interessi legali u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru.

Ra n-nota tal-konvenut tas-16 ta' Marzu 2006 li permezz taghha ta ruhu notifikat bl-Avviz tat-Talba u bl-Avviz tas-smiegh tal-kawza;

Ra n-nota ta' riduzzjoni ta' l-istess socjeta` attrici pprezentata fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2006 li permezz taghha l-ammont mitlub gie ridott ghal hamsin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm50.20), izda nzamm ferm il-kap ta' l-ispejjes;

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u

jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamsin Liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm50.20), bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------